# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **4 TA' FRAR 2018**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Grazzi mill-qalb.

**Jum il-Ħajja**

Għada / Illum il-Ħadd 4 ta' Frar 2018 huwa Jum il-Ħajja. Il-Moviment favur il-Ħajja fil-Ġuf se jorganiżża manifestazzjoni Nazzjonali fil-Belt. Din il-manifestazzjoni tagħlaq b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-11.00am.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

It-Tlieta 6 ta' Frar 2018 fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar 2018.

**Kummissjoni Djakonija**

L-Erbgħa 7 ta' Frar 2018 fis-7:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

**Ċentri tad-Duttrina tal-Munxar u Sala Sant'Anna**

Il-Ħamis 8 ta' Frar 2018 fis-6:45pm se ssir laqgħa għall-ġenituri li wliedhom jattendu fiċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Munxar u fis-Sala Sant'Anna.

**Festa ta' San Pawl Missierna**

Is-Sibt 10 ta' Frar 2017 hija l-festa ta' San Pawl Missierna. Il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd u nfakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa. Is-Sibt filgħaxija l-quddies ikun bħal nhar ta' Sibt.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Is-Sibt 10 ta' Frar 2018 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija wara l-Quddiesa.

**Jum il-Karnival**

Il-Ħadd 11 ta' Frar 2018 fil-Quddiesa tad-9.15am qed nistiednu lit-tfal sabiex jiġu bil-kostum tal-Karnival u wara l-quddiesa nieħdu xi ħaġa flimkien fuq iz-zuntier.

**Festa tal-Madonna tal-Lourdes**

Il-Ħadd 11 ta' Frar 2018 hija l-Festa tal-Madonna tal-Lourdes u Jum il-Morda. Fil-Quddiesa tas-6:00pm ser namministraw is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

**Ras ir-Randan**

L-Erbgħa 14 ta' Frar 2018 nagħtu bidu għal żmien ir-Randan. Huwa jum ta' sawm u astinenza (innaqsu mill-ikel u ma nieklux laħam). Għalhekk nhar l-Erbgħa fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali. Mill-Mużew nimxu għal Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco għall-Knisja. Nħeġġu lir-residenti ta dawn it-toroq biex jarmaw dawl minn fejn se jgħaddi l-pellegrinaġġ. Grazzi.

**Via Sagra**

Matul ir-Randan nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa jkollna t-talba tal-Via Sagra fil-Knisja Parrokkjali, għalhekk fil-5.15pm jkollna t-talba tar-Rużarju u fil-5.30pm il-Via Sagra.

**Mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar**

Fil-bidu tar-Randan Imqaddes bi tħejjija għall-Pellegrinaġġ li jsir fl-Ewwel Ħadd tar-Randan f'Ħaż-Żabbar, nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 ser issir quddiesa fit-8.00pm fil-Parroċċa tagħna u wara mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Meta naslu jkollna mument ta' talb quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja. Fl-10.30pm ikollna t-trasport lura lejn Wied il-Għajn. Dawk li ser jingħaqdu magħna bit-trasport jekk jogħġobhom jiktbu isimhom fis-sagristija sa nhar il-Erbgħa 14 ta' Frar 2018. Inħeġġukom sabiex nattendu bħala familji.

**Grupp Anzjani Spiritwalità**

Nhar l-Erbgha 14 ta' Frar 2018 il-Grupp il-Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità ser jorganizza C*offee Morning.*

**Figolli**

Għal darb'oħra ser isiru l-figolli bħala għajnuna għall-parroċċa. Napprezzaw jekk ikun hawn min joffri xi lumi. Grazzi.